MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tat-18 ta' Frar, 2015

Talba Numru. 294/2012

**Joseph Felice u Marina Felice**
**ID. 241729M u ID. 258835M**

**Vs**

**Nutar Pierre Falzon**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-11 ta' April, 2012 fejn l-atturi talbu illi thallas lill-atturi s-somma ta' elf disa' mija u ghaxar ewro u sittin centezmu (€1,910.60) rapprezentanti somma flus li l-atturi taw bhala hlas lill-konvenuti ghal servizzi notarili li wara rrizulta li ma saru qatt kif ser jirrizulta waqt is-smigh tal-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali u b'hekk il-konvenut jibqa' ngunt in subizzjoni.

Il-konvenut ipprezenta risposta fit-2 ta' Novembru, 2012 fejn eccepixxa illi l-azzjoni attrici hija preskritta;

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma presi minn kull fundament guridiku u fattwali;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li huma minn issa ingunti in subizzjoni.

L-attur minkejja li inghata zmienn mill-25 ta' Marzu, 2013 sas-seduta tal-11 ta' Frar, 2015 sabiex iressaq il-provi dan naqas li jghamlu u ghalhekk it-Tribunal iddikjara provi tal-attur maghluqa.

Il-konvenut spjega illi l-attur naqas li jhallas l-ammonti dovuti sabiex jigi rregistrat l-att maghmul u kien ghalhekk illi ma giex irregistrat.

It-Tribunal wara din l-ispjegazzjoni tal-konvenut ma ghandux triq ohra hlief li jichad it-talbiet attrici.

Spejjez tal-kawza ghandhom jithallsu mill-atturi.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------